**Lectio Divina**

1. **Aqra l-Iskrittura bil-mod**. Hemm xi kelma jew frażi li qegħda tolqtok b'mod speċjali? Aħjar tieqaf fuq kelma jew frażi, milli taqra numru ta' kapitli, fuq fuq. Aqra, u f'moħħok żomm il-ħajja u għażliet tiegħek.
2. **Irrifletti fuq kelma jew frażi**. Ħalli dik il-kelma jew frażi li laqtuk fl-ewwel parti, jidħlu f'qalbek. Uża moħħok, qalbek u l-emozzjonijiet tiegħek. Kun bħal Marija, omm Ġesù, li wara li semmgħet l-aħbar mingħand l-anġlu, hi baqgħet 'tgħożż' u 'taħseb' fuq dak li semgħet. (Lq 2, 19)
3. **Wieġeb għal dak li qrajt**. Għamel talba li tiġbor fiha l-ħsibijiet tiegħek, u għaddieha lil Alla. Dak li qrajt huwa minsuġ f'dak li tgħid lil Alla.
4. **Ieqaf mal-Kelma ta' Alla**. Ħalli l-qari jidħol fil-fond ta' qalbek, iggosta din il-laqgħa ma' Alla u l-verità. Meta tkun lest/a, ikun wasal il-mument li tistaqsi lil Alla jurik kif tista' tgħix dak li għadek kemm esperjenzajt.